*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,383, 18 ta' Marzu, 2003*
*Taqsima B*

**A.L. 90 ta' l-2003**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**Ir-Regolamenti ta' l-2003 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Public Policy - M.A. (Public Policy)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

**Titlu u Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2003 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Public Policy - M.A. (Public Policy).

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Master of Arts in Public Policy - M.A. (Public Policy); u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għall-Grad ta' Master of Arts in Public Policy - M.A. (Public Policy).

**Applikabilita'**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2002 jew wara.

**Kwalifiki għad-Dħul**

3. L-applikanti għad-dħul fil-Kors għandhom ikollhom:

(a) grad ta' universita' bl-Ewwel jew bit-Tieni Klassi bl-Unuri fil-Public Policy jew f'suġġett relatat approvat mill-Bord għal dan il-għan; jew

(b) kwalifiki oħra kkonsidrati mill-Bord bħala ekwivalenti għal grad ta' universita' bl-Ewwel jew bit-Tieni Klassi bl-Unuri fil-Public Policy.

**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors għandu normalment jinfirex fuq tnax-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time* jew sentejn akkademiċi ta' studju fuq bażi *part-time*.

5. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-istudenti jistgħu jitħallew mill-Bord itemmu l-programm tal-kors f'perijodu massimu ta' tmintax-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time* jew tliet snin akkademiċi ta' studju fuq bażi *part-time* wara li jirreġistraw.

**L-Istruttura tal-Kors**

6. Il-Kors għandu żewġ komponenti, kif ġej:

(a) komponent mgħallem, li jikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju obbligatorji u taqsimiet studju oħrajn f'qasam ta' studju fakultattiv, li għalihom minimu ta' 16-il kredtu huma assenjati; u

(b) komponent ta' riċerka, li jwassal għall-preżentazzjoni ta' dissertazzjoni, miktuba taħt superviżjoni, li għalih 14-il kredtu huma assenjati.

7. It-taqsimiet studju obbligatorji, li għalihom 6 kredti huma assenjati, għandhom ikunu fil-qasam ta' studju li ġej: Comparative Public Policy. Il-bqija għandhom ikunu taqsimiet studju meħuda f'wieħed miż-żewġ oqsma fakultattivi: Governance jew Comparative Public Management.

**Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju**

8. Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju għal kull qasam ta' studju. Il-katalgu għandu jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu fl-istess waqt jew huma meħtieġa għal taqsimiet studju oħrajn, il-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni u l-lettur li se jgħallem it-taqsima studju. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

**Valutazzjoni u Progress**

9. Il-kredti għandhom ikunu assenjati skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla grad: A, B, Ċ, u D. F tindika li wieħed weħel. Xogħol mhux komplut għal raġunijiet ġustifikati (mard, assenza approvata, eċċ) għandu jkun indikat bl-ittra I. Fil-każijiet l-oħra kollha r-riżultati ta' taqsimiet studju mhux mitmuma għandhom jidhru bħala F. Il-gradi mogħtija għandhom iqisu l-livell milħuq mill-istudenti f'wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin, kif il-Bord iqis xieraq: assenjamenti (li għalihom jista' jingħata persentaġġ mill-grad finali għat-taqsima studju) u eżamijiet bil-miktub u/jew orali.

10. L-istudenti li jeħlu f'xi eżami bil-miktub jew f'xi assenjament jew fit-tnejn għandhom jitħallew joqogħdu għal eżami riparatorju, jew jerġgħu jissottomettu l-assenjament għal taqsima studju partikolari darba biss.

11. Biex jikkwalifikaw għall-Grad, l-istudenti għandhom jiksbu mill-anqas 16-il kredtu fil-komponent mgħallem tal-Kors, li minnhom 6 kredti għandhom jinkisbu għat-taqsimiet studju obbligatorji, u mill-anqas 10 kredti fil-qasam ta' studju fakultattiv li għa-żlu.

12. L-istudenti li, wara twissija dovuta mogħtija bil-miktub, jibqgħu ma jattendux għal konferenzi u/jew għas-sessjonijiet tutorjali jew b'xi mod ieħor ma jaqdux id-dmirijiet akkademiċi tagħhom mingħajr ġustifikazzjoni adegwata, jistgħu jinżammu mis-Senat, wara rakkomandazzjoni tal-Bord, milli jkomplu l-Kors.

**Id-Dissertazzjoni**

13. Id-dissertazzjoni, li għandha tkun sottomessa sa l-aħħar ta' Mejju ta' l-aħħar sena tal-Kors, għandha tkun ta' madwar 25,000 kelma dwar suġġett approvat. Id-dissertazzjoni għandha tkun xogħol oriġinali fis-sens li tkun jew rekord ta' riċerka oriġinali jew espressjoni ordnata u kritika ta' data eżistenti dwar suġġett partikolari approvat mill-Bord. Għandha tinkiteb, tkun ittajpjata u llegata skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord għal dan il-għan.

14. L-istudenti huma meħtieġa jgħaddu mid-dissertazzjoni biex jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad.

**Ir-Riżultat Finali**

15. Il-grad finali ta' kull student għandu jqis il-gradi kollha miksuba fil-valutazzjonijiet tal-komponenti mgħallma u tar-riċerka tal-Kors, li għandhom jingħataw il-piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għal kull wieħed.

16. L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

**L.N. 90 of 2003**

**EDUCATION ACT**
**(CAP. 327)**

**Master of Arts in Public Policy - M.A. (Public Policy) - Degree Course Regulations, 2003**

IN exercise of the powers conferred upon him by sections 30 (5) and 31 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following regulations made by the Senate of the University of Malta by virtue of the powers conferred upon it by sections 31 and 35 of the said Act:

**Citation and Interpretation**

1. (1) These regulations may be cited as the Master of Arts in Public Policy - M.A. (Public Policy) - Degree Course Regulations, 2003.

(2) In these regulations, unless the context otherwise requires -

"the Board" means the Board of the Faculty of Economics, Management and Accountancy;

"the Course" means the course of studies leading to the Degree of Master of Arts in Public Policy - M.A. (Public Policy); and

"the Degree" means the Degree of Master of Arts in Public Policy - M.A. (Public Policy).

**Applicability**

2. These regulations shall apply to courses starting in October 2002 or later.

**Qualifications for Admission**

3. Applicants for admission to the Course shall be in possession of:

(a) a university degree with First or Second Class Honours in Public Policy or a related subject approved by the Board for this purpose; or

(b) other qualifications considered by the Board to be equivalent to a university degree with First or Second Class Honours in Public Policy.

**Course Duration**

4. The Course shall normally extend over twelve months of full-time study or two academic years of part-time study.

5. In exceptional circumstances, students may be allowed by the Board to complete the course programme within a maximum period of eighteen months of full-time study or three academic years of part-time study after registration.

**Course Structure**

6. The Course shall have two components, as follows:

(a) a taught component, consisting of a number of compulsory study-units and other study-units in one optional area of studies, for which a minimum of 16 credits shall be assigned; and

(b) a research component, which shall lead to the presentation of a dissertation, written under supervision, for which 14 credits shall be assigned.

7. The compulsory study-units, for which 6 credits shall be assigned, shall be in the following area of study: Comparative Public Policy. The remainder shall be study-units taken from one of two optional areas: Governance or Comparative Public Management.

**Catalogue of Study Units**

8. The Board shall draw up a catalogue of study-units for each area of study. The catalogue shall indicate the level, code, title, description and type of each study unit, the credits assigned to each study-unit, which study-units are compulsory, concurrent or pre-requisites for other study-units, the

methods of teaching and assessment, and the lecturer giving the study-unit. The Board shall publish the catalogue prior to the commencement of each Course, following the approval of Senate.

**Assessment and Progress**

9. Credits shall be assigned according to the following grades in descending order of merit: A, B, C, and D. Failure shall be indicated by F. Incomplete work due to justifiable reasons (illness, approved absence, etc.) shall be indicated by I. In all other cases the results of uncompleted study-units shall be indicated as F. The grades awarded shall take into account the students' performance in one or more of the following elements, as deemed appropriate by the Board: assignments (to which a percentage of the final grade for the study-unit may be assigned) and written and/or oral examinations.

10. Students who fail to obtain a pass in a written examination or in an assignment or in both may be allowed to sit for supplementary examination, or to resubmit the assignment for a given study-unit only once.

11. In order to qualify for the Degree, students must obtain at least 16 credits in the taught component of the Course, of which 6 credits must be obtained for the compulsory study-units, and at least 10 credits from their chosen optional area of study.

12. Students who, after due warning given in writing, persistently fail to attend lectures and/or tutorials or otherwise do not carry out their academic duties without adequate justification, may be debarred by Senate, following a recommendation of the Board, from continuing the Course.

**Dissertation**

13. The dissertation, to be submitted by the end of May of the final year of the Course, shall be of approximately 25,000 words on an approved subject. The dissertation shall be an original work in the sense that it shall be either a record of original research or an ordered and critical expression of existing data with regard to a particular subject approved by the Board. It

shall be written, typed and bound in accordance with the criteria established by the Board for this purpose.

14. Students are required to obtain a pass for their dissertation in order to qualify for the award of the Degree.

**Final Result**

15. The final grade of each student shall take into account all grades obtained in the assessment of the taught and research components of the Course, which shall be weighted according to the number of credits assigned to each.

16. The names of students who qualify for the award of the Degree shall be published in a list in alphabetical order or classified as follows:

Passed with Distinction
Passed.